

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

10.3.2009

B6-0136/2009

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara l-Mistoqsija li titlob Tweġiba Orali B6-0012/2009

skont l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Charles Tannock, Thomas Mann u Georg Jarzembowski

f'isem il-Grupp PPE-DE

dwar il-50 anniversarju tar-rewwixta Tibetana u d-djalogu bejn id-Dalai Lama  
u l-Gvern Ċiniż

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-50 anniversarju tar-rewwixta Tibetana u d-djalogu bejn id-Dalai Lama u l-Gvern Ċiniż**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar iċ-Ċina u t-Tibet,
  - wara li kkunsidra t-tmien rawnds ta' djalogu bejn il-Gvern Ċiniż u r-rappreżentanti tad-Dalai Lama, li tnedew f'Settembru 2002,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni dwar it-Tiber mill-Amministrazzjoni tal-Istati Uniti u tal-Unjoni Ewropea fis-Samit bejn l-Istati Uniti u l-UE fl-10 ta' Ġunju 2008,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-Dalai Lama lill-Parlament Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2008,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 108 (5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi Marzu 2009 jaħbat il-50 anniversarju minn meta d-Dalai Lama ħarab mit-Tibet u l-bidu tal-eżilju tiegħu fl-Indja,
- B. billi f'din l-okkażjoni it-Tibetani ta' kull sena jikkomemoraw iċ-ċirkostanzi li wasslu għas-separazzjoni tagħhom mid-Dalai Lama, inkluż il-konflitt armat bejn l-Armata tal-Liberazzjoni Popolari Ċiniża u r-reżistenza Tibetana li wassal għall-mewt ta' għexur ta' eluf ta' Tibetani u li wassal ukoll biex għexur ta' eluf iktar ħarbu f'eżilju,
- C. billi l-Gvern Ċiniż iddeċieda li t-28 ta' Marzu 2009, il-50 anniversarju minn meta xolja l-Gvern Tibetan, minn issa 'l quddiem se jiġi ċċelebrat bħala 'Jum l-Emanċipazzjoni tas-Servi', fir-Reġjun Awtonomu tat-Tibet,
- D. billi fl-10 ta' Marzu 2008 kien hemm mewġa ta' protesti kontra t-tmexxija ħażina tal-Gvern Ċiniż li bdiet tinfirex mal-plateau Tibetana u rriżultat f'imwiet, għejbien u sentenzi ta' ħabs twal għat-Tibetani, f'repressjoni ta' sigurtà li għada fis-seħħ, u fl-implimentazzjoni ta' kampanja qalila ('strike hard') mill-Gvern Ċiniż kontra l-poplu Tibetan,
- E. billi d-Dalai Lama uża l-eżilju tiegħu biex jipromwovi soluzzjoni għat-Tibet permezz ta' mezzi paċifiċi u mhux vjolenti kif ukoll permezz ta' djalogu mal-Gvern Ċiniż u minħabba dan ingħata l-Premju Nobel għall-Paċi,
- F. billi t-tmien rawnds ta' djalogu bejn ir-rappreżentanti tad-Dalai Lama u r-rappreżentanti tal-Gvern Ċiniż ma rnexx ilhom jiksbu l-ebda riżultat konkret jew sustantiv,

- G. billi l-‘Memorandum dwar Awtonomija Ġenwina għall-Poplu tat-Tibet’, jirrispetta l-prinċipji tal-Kostituzzjoni Ċiniża u l-integrità territorjali tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, iżda ġie rifjutat mill-Gvern Ċiniż bħala tentattiv għal ‘semi-indipendenza’ u ‘indipendenza mistura’,
1. Ihegġegħ lill-Gvern Ċiniż biex jikkunsidra l-‘Memorandum dwar Awtonomija Ġenwina għall-Poplu tat-Tibet’ ta’ Novembru 2008 bħala bażi għal diskussjoni sustantiva bil-għan ta’ bidla pożittiva u sinifikattiva fit-Tibet, f’konformità mal-prinċipji msemmija fil-Kostituzzjoni u l-liġijiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina;
  2. Jistieden lill-Presidenza tal-Kunsill biex tadotta dikjarazzjoni dwar l-okkażjoni tal-50 anniversarju tal-eżilju tad-Dalai Lama fl-Indja filwaqt li titlob lill-Gvern Ċiniż biex jibda ħidma diretta sinifikattiva mad-Dalai Lama u mar-rappreżentanti tiegħu u biex tinkludi referenza għall-‘Memorandum dwar Awtonomija Ġenwina għall-Poplu tat-Tibet’;
  3. Ihegġegħ lill-Presidenza tal-Kunsill biex tistieden lid-Dalai Lama għal laqgħa tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali bil-għan li jiġi diskuss kif l-UE tista’ tiffaċilita l-progress fir-rigward ta’ soluzzjoni għat-Tibet;
  4. Jistieden lill-Kunsill biex jevalwa mill-ġdid il-ħatra ta’ rappreżentant speċjali għall-kwistjonijiet tat-Tibet;
  5. Jistieden lill-Parlament Ewropew li jmiss biex jorganizza smiegħ speċjali qabel l-aħħar tal-2009 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tibet u l-proċess ta’ dialogu Sino-Tibetan;
  6. Jistieden lill-President Ċiniż, Hu Jintao, biex juri l-impenn tiegħu għad-dikjarazzjoni tiegħu tas-6 ta’ Marzu 2008 li ‘l-istabilità fit-Tibet tikkonċerna l-istabilità tal-pajjiż u s-sikurezza fit-Tibet tikkonċerna s-sikurezza tal-pajjiż’, u jinsisti li t-tmexxija Ċiniża għandha tiżgura l-benessri tat-Tibetani u għandha żżom l-istabilità u l-armonija soċjali billi tagħti istuzzjonijiet lill-Kumitat Permanenti tal-Kungress Reġjonali Popolari tar-Reġjun Awtonomu tat-Tibet biex jikkonċerna d-deċiżjoni tiegħu li jikkommemora t-28 ta’ Marzu bħala ‘Jum l-Emanċipazzjoni tas-Servi’;
  7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u lill-Qdusija tiegħu d-Dalai Lama.